

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tissupplimenta l-Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021

(2021/C 528/01)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2020 - Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021 ⁽¹⁾ hija supplimentata kif ġej:

- (1) fil-punt 15, numru 15, iċ-ċifra “80” tiddaħħal minflok l-indikazzjoni “[...]”, u jizdedu żewġ paragrafi, biex il-formulazzjoni attwali ta' din id-definizzjoni tkun tista' tinqara kif ġej:

“(15) ‘parametru referenzjarju ta’ riżerva għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku’ tfisser 80 fil-mija tal-konsum reali tal-elettriku, determinat mid-deċizzjoni tal-Kummissjoni flimkien mal-parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku. Dan jikkorrispondi għall-isforz ta’ tnaqqis medju impost mill-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku (parametru referenzjarju għall-konsum tal-elettriku / konsum tal-elettriku medju). Dan jiġi applikat għall-prodotti kollha li jaqgħu fis-setturi eliġibbli, iżda li għalihom parametru referenzjarju għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku ma jkunx iddefinit.

Il-parametru referenzjarju ta' riżerva għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għandu jitnaqqas (mis-sena t = 2022) b'1,09 % fuq bażi annwali, skont il-formula stabbilita fl-Anness II taħt 'Parametri referenzjarji tal-effiċjenza aġġornati għal ċerti prodotti msemmija fl-Anness I'.

- (2) fil-punt 28, il-punt (b), id-deskrizzjoni tal-fattur Ct użat fil-formula hija ssupplimentata, biex il-kliem attwali ta' dan il-punt jinqara kif ġej:

“(b) Meta l-parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku elenkati fl-Anness II ma jkunux applikabbli għall-prodotti mmanifatturati mill-benefiċjarju, l-għajnuna massima li tista' titħallas għal kull installazzjoni għall-ispejjeż imġarrba fis-sena t tammonta għal:

$$A_{max,t} = A_i \times C_t \times P_{t-1} \times EF \times AEC_t$$

F'din il-formula, A_i hija l-intensità tal-għajnuna, espressa bħala frazzjoni (pereż. 0,75); C_t huwa l-fattur tal-emissjoni tas-CO₂ applikabbli jew il-fattur tal-emissjoni tas-CO₂ ibbażat fuq is-suq (tCO₂/MWh) (fis-sena t); P_{t-1} huwa l-prezz forward tal-EUA fis-sena t-1 (EUR/tCO₂); EF huwa l-parametru referenzjarju ta' riżerva għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku kif iddefinit fil-punt 15 numru 15; u AEC huwa l-konsum reali tal-elettriku (MWh) fis-sena t.”

- (3) fit-Tabella fl-Anness I, id-deskrizzjoni tas-settur kopert bil-kodiċi 20.16.40.15 tan-NACE hija kkompletata / supplimentata, biex il-kliem attwali ta' din id-deskrizzjoni jinqara kif ġej:

“Glicoli tal-polietilen u alkoħoli polietieri oħrajn, f'forom primarji”;

- (4) jiddaħħal l-Anness II li ġej:

(1) ĠU C 317, 25.9.2020, p. 5

Parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku u rati annwali ta' tnaqqis għall-prodotti msemmija fl-Anness I

— Parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għall-prodotti msemmija fl-Anness I bi skambjabbiltà tal-fuel u tal-elettriku:

Prodotti li għalihom ġiet stabbilita l-possibbiltà ta' skambju tal-fuel u tal-elettriku fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/331 fl-Anness I stabbilixxa li fir-rigward ta' xi proċessi tal-produzzjoni hemm sostitwibbiltà bejn fuel u elettriku. Għal dawn il-prodotti, mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit parametru referenzjarju fuq il-bażi ta' MWh/t ta' prodott. Minflok, il-kurvi speċifiċi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li joħorġu għall-emissjonijiet diretti jkunu l-punti tat-tluq. Għal dawn il-prodotti, il-parametri referenzjarji ta' prodotti ġew iddeterminati fuq il-bażi tas-somma tal-emissjonijiet diretti (minn enerġija u emissjonijiet minn proċess), kif ukoll emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mill-użu tal-inter-skambjalità tal-elettriku.

F'dawn il-każijiet, il-fattur 'E' fil-formula għall-kalkolu tal-ammont massimu ta' għajjuna kif imsemmi fil-paragrafu 28(a) ta' dan il-Linji Gwida għandha tinbidel bit-test li jsegwi terminu li jikkonverti parametru referenzjarju ta' prodott skont ir-Regolament Delegat 2019/331 f'parametru referenzjarju tal-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku fuq il-bażi ta' medja Ewropea tal-fattur ta' intensità tal-emissjoni ta' 0,376 tCO₂/MWh:

Il-parametru referenzjarju eżistenti ta' prodott mill-Anness Taqsima 2 mir-Regolament 2021/447/UE (f'tCO₂/t) × is-sehem tal-emissjonijiet indiretti rilevanti għall-perjodu ta' referenza (%) / 0,376 (tCO₂/MWh).

Il-valur tal-parametri referenzjarji tal-effiċjenza għal prodotti bi skambjabbiltà ta' fuel u elettriku li għandhom jiġu applikati fil-perjodu 2021-2025 jista' jinstab fir-Regolament (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Valuri referenzjarji tal-effiċjenza għall-prodotti msemmija fl-Anness I li mhuwiex elenkati fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness

Il-parametru referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku kif definit fil-punt 15 numru 15 ta' dawn il-Linji Gwida huwa applikabbli għall-prodotti eliġibbli kollha msemmija fl-Anness I li għalihom mhuwiex definit valur referenzjarju għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku.

— Parametri referenzjarji aġġornati tal-effiċjenza għal ċerti prodotti msemmija fl-Anness I

It-Tabella 1 telenka l-valuri referenzjarji li għandhom jintużaw bħala punt tat-tluq għad-determinazzjoni tal-valur referenzjarju tal-effiċjenza applikabbli għal sena speċifika, filwaqt li titqies ir-rata ta' tnaqqis annwali korrispondenti.

Din ir-rata annwali ta' tnaqqis tiddeskrivi b'kemmi il-punti ta' riferiment se jitnaqqsu awtomatikament kull sena. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fit-Tabella 1, il-parametri referenzjarji kollha tal-effiċjenza (inkluż il-parametru referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku) għandhom jitnaqqsu (mis-sena t = 2022) b'1,09 % fuq bażi annwali, skont il-formula li ġejja:

parametru referenzjarju tal-effiċjenza applikabbli fi (sena t) = valur referenzjarju fl-2021 * (1 + rata ta' tnaqqis annwali)^{*(sena t - 2021)}

Tabella 1

Parametri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għal ċerti prodotti msemmija fl-Anness I

NACE4	Parametru referenzjarju tal-prodott	Valur tal-parametru referenzjarju fl-2021	Unità ta' parametru referenzjarju	Unità tal-produzzjoni	Rata annwali ta' tnaqqis [%]	Definizzjoni tal-prodott	Proċessi koperti skont il-parametru referenzjarju tal-prodott	Kodiċi rilevanti tal-Prodcom	Deskrizzjoni
17.11	Polpa kimika tal-injam.	0,904	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' polpa tal-injam kimika	1,09	Polpa tal-injam kimika, ta' gradi solubbli	Il-proċess kollu marbut direttament jew indirettament mal-produzzjoni tal-polpa kimika, inkluż it-tnixxif, il-ħasil u l-iskrinjar, u l-ibbliċjar	17.11.11.00	Polpa tal-injam kimika, ta' gradi solubbli
17.11	Polpa kimika tal-injam.	0,329	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' polpa tal-injam kimika	1,09	Polpa ta' injam kimika, soda jew sulfat, ħlief gradi li jdubu		17.11.12.00	Polpa ta' injam kimika, soda jew sulfat, ħlief gradi li jdubu
17.11	Polpa kimika tal-injam.	0,443	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' polpa tal-injam kimika	1,09	Polpa ta' injam kimika, sulfat, ħlief gradi li jdubu		17.11.13.00	Polpa ta' injam kimika, sulfat, ħlief gradi li jdubu
17.11	Polpa tal-injam nofsha kimika	0,443	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' polpa tal-injam nofsha kimika;	1,09	Polpa tal-injam nofsha kimika		17.11.14.00	Polpa tal-injam mekkanika; polpa tal-injam nofsha kimika; polpi ta' materjali li fihom il-fibri taċ-ċelluloża ħlief tal-injam
17.11	Polpa mekkanika	Approċċ ta' riżerva			1,09	Polpa mekkanika	Il-proċessi kollha marbutin direttament jew indirettament mal-produzzjoni tal-polpa mekkanika, inkluż it-trattament, l-irfinar, il-ħasil, l-ibbliċjar, l-irkupru bis-sħana tal-injam		
17.11	Karta rkuprata	0,260	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' karta rkuprata	1,09	Karta rkuprata	Il-proċess kollu huwa direttament jew indirettament marbut mal-produzzjoni tal-karta rkuprata, inkluż it-tħaxxin u t-tixrid, u l-ibbliċjar		
17.11	Karta rkuprata mnaddfa mil-linka	0,390	MWh/t 90 % sdt	Tunnellata ta' karta rkuprata mnaddfa mil-linka	1,09	Karta rkuprata mnaddfa mil-linka			

17.12	Karta tal-gazzetti	0,801	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karta tal-gazzetti	1,09	Karta tal-gazzetti	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni tal-karta, inkluż ir-raffinar, l-ippressar u t-tnixxif termali	17.12.11.00	Karta tal-gazzetti
17.12	Karta fina mhux miksija	0,645	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karta fina mhux miksija	1,09	Karta fina mhux miksija		17.12.12.00 17.12.13.00 17.12.14.10 17.12.14.35 17.12.14.39 17.12.14.50 17.12.14.70	Karta fina mhux miksija
17.12	Karta fina miksija	0,538	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karta fina miksija	1,09	Karta fina miksija		17.12.73.35 17.12.73.37 17.12.73.60 17.12.73.75 17.12.73.79 17.12.76.00	Karta fina miksija
17.12	Tixju	0,925	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karta tixju	1,09	Tixju		17.12.20.30 17.12.20.55 17.12.20.57 17.12.20.90	Tixju
17.12	Testliner u fluting	0,260	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karta	1,09	Testliner u fluting		17.12.33.00 17.12.34.00 17.12.35.20 17.12.35.40	Testliner u fluting
17.12	Kartun mhux miksi	0,268	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' kartun	1,09	Kartun mhux miksi		17.12.31.00 17.12.32.00 17.12.42.60 17.12.42.80 17.12.51.10 17.12.59.10	Kartun mhux miksi
17.12	Kartun miksi	0,403	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' kartun	1,09	Kartun miksi		17.12.75.00 17.12.77.55 17.12.77.59 17.12.78.20 17.12.78.50	Kartun miksi

								17.12.79.53 17.12.79.55	
20.13	Aċidu sulfuriku	0,056	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' aċidu sulfuriku	1,09	Aċidu sulfuriku; oleu	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni ta' aċidu sulfuriku	20.13.24.34	Aċidu sulfuriku; oleu
20.13	Kloru	1,846	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' kloru	1,09	Kloru	Ipproċessati kollha direttament jew indirettament mal-unità tal-elettroliżi, inklużi awżiljarji	20.13.21.11	Kloru
20.13	Siliċju	11,87	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' siliċju	1,09	Siliċju. Għajr dak li fih, skont il-piż, mhux anqas minn 99,99 % ta' siliċju	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni ta' siliċju	20.13.21.70	Siliċju. Għajr dak li fih, skont il-piż, mhux anqas minn 99,99 % ta' siliċju
20.13	Siliċju	60	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' siliċju	1,09	Siliċju. Li fih piż mhux anqas minn 99,99 % ta' siliċju	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-forn inklużi awżiljarji	20.13.21.60	Siliċju. Li fih piż mhux anqas minn 99,99 % ta' siliċju
20.13	Carbide tas-siliċju	6,2	MWh/t tal-prodott	Tunnellata ta' karbur tas-siliċju	1,09	Siliċju. Karburi tas-siliċju, kimikament iddefiniti jew le	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni ta' karbur tas-siliċju	20.13.64.10	Siliċju. Karburi tas-siliċju, kimikament iddefiniti jew le
24.10	Azzar tal-ossiġenu bażiku	0,03385	MWh/t tal-prodott	Tunnellata tal-azzar mhux raffinat (fondut)	0,60	Azzar mhux maħdum: azzar mingħajr liga prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi	Metallurġija sekondarja, installazzjonijiet ta' tisħin minn qabel ta' materjali refrattarji, awżiljarji u intallazzjonijiet tal-ikkastjar sal-punt tal-limitu ta' prodotti tal-azzar mhux maħdum	24.10.T1.22	Azzar mhux maħdum: azzar mingħajr liga prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi
24.10						Azzar mhux maħdum: azzar mingħajr liga minbarra l-azzar li ma jissaddadx prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi		24.10.T1.32	Azzar mhux maħdum: azzar mingħajr liga minbarra l-azzar inossidabbli prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi

24.10						Azzar mhux maħdum: azzar inossidabbli u azzar li jirreżisti s-sħana prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi		24.12.T1.42	Azzar mhux maħdum: azzar inossidabbli u azzar li jirreżisti s-sħana prodott bi proċessi oħra minbarra bil-fran elettriċi
24.10	Ferro-manganiż	2,2	MWh/t tal-prodott	Ferromanganiż li, skont il-piż, fih ≤ 2 % ta' karbonju	2,03	Ferromanganiż li, skont il-piż, fih > 2 % karbonju, bi granulometrija ≤ 5 mm u b'kontenut ta' manganiż li, skont il-piż, fih > 65 %		24.10.12.10	Ferromanganiż li, skont il-piż, fih > 2 % karbonju, bi granulometrija ≤ 5 mm u b'kontenut ta' manganiż li, skont il-piż, fih > 65 %
24.10				Ferromanganiż li, skont il-piż, fih ≤ 2 % ta' karbonju		Ferromanganiż ieħor li, skont il-piż, fih > 2 % karbonju (eskluż ferromanganiż bi granulometrija ≤ 5 mm u b'kontenut ta' manganiż li, skont il-piż, fih > 65 %)		24.10.12.20	Ferromanganiż ieħor li, skont il-piż, fih > 2 % karbonju (eskluż ferromanganiż bi granulometrija ≤ 5 mm u b'kontenut ta' manganiż li, skont il-piż, fih > 65 %)
24.10	Ferromanganiż	1,4	MWh/t tal-prodott	Ferromanganiż li, skont il-piż, fih inqas minn 2 % ta' karbonju	1,09	Ferromanganiż ieħor li, skont il-piż, fih inqas jew daqs 2 % ta' karbonju		24.10.12.25	Ferromanganiż ieħor li, skont il-piż, fih inqas jew daqs 2 % ta' karbonju
24.10	Ferrosiliċju	8,54	MWh/t tal-prodott	Ferrosiliċju li, skont il-piż, fih aktar minn 55 % ta' siliċju	1,09	Ferrosiliċju li, skont il-piż, fih aktar minn 55 % ta' siliċju		24.10.12.35	Ferrosiliċju li, skont il-piż, fih aktar minn 55 % ta' siliċju

24.10	Ferrosiliċju	Approċċ ta' riżerva			1,09			24.10.12.36	Ferrosiliċju li, skont il-piż, fih ≤ 55 % siliċju u ≥ 4 % iżda ≤ 10 % ta' manjeżju
24.10	Ferronikil	9,28	MWh/t tal-prodott	Ferronikil	1,09	Ferronikil		24.10.12.40	Ferronikil
24.10	Ferrosiliċju-manganiż	3,419	MWh/t tal-prodott	Ferrosiliċjuman-ganiż	1,12	Ferrosiliċjumanga-niż		24.10.12.45	Ferrosiliċjumanganiż
24.42	Aluminju primarju	13,90	MWh/t tal-prodott	Aluminju mhux illigat mhux maħdum	0,25	Aluminju mhux illigat mhux maħdum mill-elettroliżi	Aluminju mhux illigat mhux maħdum mill-elettroliżi, inklużi unitajiet ta' kontroll tat-tniġġis, proċessi awżiljarji u l-impjant ta' kkastjar. Jinkludu wkoll impjant anodiku (qabel il-ħami). Fil-każ li anodi jkunu pprovduti minn impjant wieħed fl-UE, jenħtieġ li dan l-impjant ma jgix ikkumpensat. Fil-każ ta' anodi prodott barra l-UE, tista' tiġi applikata korrezzjoni.	24.42.11.30	Aluminju mhux illigat mhux maħdum (minbarra trab u biċċiet/qxur)
								24.42.11.53	Liġi tal-aluminju mhux maħdum fil-forma primarja (minbarra trab u biċċiet/qxur tal-aluminju)
								24.42.11.54	Liġi tal-aluminju mhux maħdum (eskluż trab u biċċiet/qxur tal-aluminju)
24.42	Alumina (irfinar)	0,20	MWh/t tal-prodott	allumina	1,11		Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni ta' alumina	24.42.12.00	Ossidu tal-aluminju (minbarra korundum artifiċjali)
24.43	Elettroliżi taż-żingu	3,994	MWh/t tal-prodott	żingu	0,01	Żingu primarju	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament relatati għall-unità tal-elettroliżi taż-żingu inklużi awżiljarji	24.43.12.30	Żingu mhux illigat mhux maħdum (minbarra polvri, trab u biċċiet/qxur taż-żingu)
								24.43.12.50	Liġi taż-żingu mhux maħdum (minbarra polvri, trab u biċċiet/qxur taż-żingu)

24.44	Ram mhux maħdum irfinut	0,31	MWh/t tal- prodott	Katodi tar-ram	1,09	Katodi tar-ram	Il-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal- proċess ta' raffinar elettrolitiku, inkluż l-ikkastjar anodiku fil- post fejn xieraq	24.44.13.30	Ram mhux liga mhux maħdum raffinat (esklużi prodotti sinterizzati laminati, estrużi jew forġati)"
-------	----------------------------	------	-----------------------	----------------	------	----------------	---	-------------	---

- (5) fl-Anness III, id-*data* numerika tiddaħħal fit-tielet kolonna tat-tabella, biex il-kliem attwali ta' dan l-Anness jinqara kif ġej:

“ANNEX III

Fatturi tal-emissjonijiet massimi reġionali tas-CO₂ f'żoni ġeografiċi differenti (tCO₂/MWh)

Żoni		Fattur applikabbli tal-emissjoni tas-CO ₂
L-Adrijatiku	Il-Kroazja, is-Slovenja	0,69
L-Iberja	Spanja, il-Portugall	0,53
Il-Baltiku	Il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja	0,75
L-Ewropa Ċentrali tal-Punent	L-Awstrija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu	0,72
In-Nordiku	L-Iżvezja, il-Finlandja	0,58
Iċ-Ċekja-is-Slovakkja	Iċ-Ċekja, is-Slovakkja	0,85
Il-Belġju		0,36
Il-Bulgarija		0,98
Id-Danimarka		0,52
L-Irlanda		0,49
Il-Greċja		0,73
Franza		0,44
L-Italja		0,46
Ċipru		0,70
L-Ungerija		0,58
Malta		0,40
In-Netherlands		0,45
Il-Polonja		0,81
Ir-Rumanija		0,96”